MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## MICALLEF JOSEPH R.

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2002

Citazzjoni Numru. 70/2001/1

**Ġużeppa FENECH, Rita Bonniċi, Patrick u Dorcelle konjuġi Mifsud**

**vs**

**Connie DIACONO u Dr Leslie Cuschieri u P.L. Hilda Ellul Mercer li b'Degriet tal-5 ta' Frar, 2001, ġew nominati Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Tarċisio u Betsebea konjuġi Salerno**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fil-5 ta' Jannar, 2001, li bih l-atturi ippremettew:

Illi l-attriċi Giuseppa Fenech *qua* proprjetarja tal-fond numru 30, Summer Street, Buġibba, flimkien mal-atturi l-oħra, għandhom pusses tal-fond imsemmi inkluza l-bitħa formanti parti mill- imsemmi fond; u

Illi l-konvenuti, jew min minnhom, huma l- proprjetarji tal-fond sovrastanti dak tal-atturi, u cioe' l-fond numru 28, Saviour, Summer Street, Buġibba; u

Illi fil-bidu ta' Diċembru 2000 l-konvenuti, jew persuni inkarigati minnhom, esegwew xi xogħlijiet fil-fond numru 28, fis-sens illi saret estensjoni fuq l-arja proprejta tal-atturi u issaqfet parti estensiva mill-bitħa li tinsab fil-fond proprjeta tal-attriċi; u

Illi dawn ix-xogħlijiet jikkostitwixxu spoll klandestin u vjolenti tad-drittijiet tal-atturi fil-pussess u tgawdija tal-bitħa formanti parti mill- fond numru 30, Summer Street, Buġibba;

Għalhekk l-atturi talbu lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex:

1. Tiddikjara illi l-konvenuti kkommettew spoll klandestin u vjolenti għad-danni tal-atturi, għar- raġunijiet fuq premessi;

2. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex fi żmien qasir u perentorju jagħmlu dawk ix-xogħlijiet rimedjali kollha opportuni sabiex jirriprestinaw il-bitħa fil-kundizzjoni originali tagħha okkorrendo taħt id-direzzjoni ta' Perit nominandi;

3. Fin-nuqqas tawtorizza lill-istess atturi jagħmlu dawn ix-xogħlijiet rimedjali a spejjeż tal-konvenuti;

Bl-ispejjeż, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja datata 12 ta' Diċembru 2000;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-atturi;

Rat in-Nota mressqa fit-23 ta’ Marzu, 2001, li biha l-imħarrkin Kuraturi Deputati eċċepew:

Illi b'Diġriet tal-5 ta' Frar 2001 huma ġew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti Tarcisio u Betseba konjuġi Salerno;

Illi huma m'għandhomx mezz kif jikkomunikaw mal-persuni minnhom rapprezentati u għalhekk mhumiex edotti mill-fatti tal-każ;

Illi  għalhekk huma jirrizervaw li fi stadju ulterjuri tal-kawża jagħmlu eċċezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-imsemmija Kuraturi Deputati;

Rat illi l-imħarrka Connie Diacono, notifikata kif imiss b'kopja tal-Att taċ-Ċitazzjoni u bl-Avviż tas-Smigħ fit-2 ta' Marzu, 2001[1], naqset li tressaq Nota tal-Eċċezzjonijiet fiż-żmien mogħti lilha mil-liġi, u b'hekk waqgħet kontumaċi;

Rat il-verbal tas-smigħ tat-22 ta' Marzu, 2001, u n-Nota tar-Reġistratur tal-Qorti tas-26 ta' Marzu, 2001[2], dwar l-imsemmi verbal;

Semgħet ix-xhieda tal-atturi;

Rat il-verbal tas-smigħ tat-28 ta' Novembru, 2001[3], li fih l-attur Patrick Mifsud għarraf lill-Qorti li x-xogħlijiet li minħabba fihom infetħet il-kawża kienu tneħħew mill-imħarrka Connie Diacono xi xahar qabel dak is-smigħ;

Rat il-verbali tas-smigħ tas-7 ta' Frar, 2002, 15 t'April, 2002, u 28 ta' Mejju, 2002, li fihom il-kawża tħalliet għaċ-ċessjoni, pendenti ftehim dwar min sejjer Iħallas l-ispejjeż tal-kawża;

Rat il-verbal tas-smigħ tal-25 ta'Ġunju, 2002, li matulu l-Kuratur Deputat l-Avukat  Leslie Cuschieri għarraf lill-Qorti li baqa' ma tħallasx id-drittijiet tiegħu tal-kawża, u talab li l-Qorti tgħaddi għas-sentenza fuq il-kap tal-ispejjeż;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

---

[1] Pa[[. 17 u 18 *tergo* tal-pro`ess
[2] Pa[. 21 tal-pro`ess
[3] Pa[. 32 tal-pro`ess

Rat id-Degriet tagħha tal-25 ta' Ġunju, 2002;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta'spoll privileġġat. L-atturi jgħidu li fix-xahar ta' Diċembru, 2000, issaqqfet biċċa sewwa minn bitħa ta' post tagħhom waqt li kienu qegħdin isiru xogħlijiet f'post tal-imħarrkin. Huma jgħidu li dawn ix-xogħlijiet saru minn jew fuq talba tal-imħarrkin, jew min minnhom, kontra r-rieda tal-atturi. Dawn ix-xogħlijiet huma mfissra sewwa mix-xhieda tal-Perit Arkitett Lawrence Gatt[4], u mill-provi dokumentali mressqa magħha[5];

Illi, kif ingħad, wara li nfetħet din il-kawża, l-imsemmija xogħlijiet tneħħew mill-imħarrka, u b'hekk l-atturi reġgħu tqegħdu fil-pussess sħiħ tal-ambjenti tagħhom kif kienu qabel Diċembru tal-2000;

Illi, għalhekk, il-mertu tal-azzjoni intemm;

Illi jibqa' li jiġi determinat min għandu jħallas l-ispejjeż tal-kawża;

Illi dwar dan l-aspett tal-kawża, ingħata żmien biżżejjed lill-partijiet biex isibu tarfha barra l-Qorti. Dan baqa' ma seħħx;

Illi, m'għandu jkun hemm l-ebda dubju li ladarba x-xogħlijiet ilmentati tneħħew mill-imħarrka jew fuq struzzjonijiet tagħha wara li nbiet il-kawża, u ladarba qabel saret il-kawża, l-istess imħarrka Connie Diacono kienet saritilha talba b'ittra biex tneħħi x-xogħlijiet li l-atturi lmentaw minnhom, l-ispejjeż tal-kawża għandha tbatihom kollha l-imħarrka Connie Diacono;

Illi l-Qorti hija soddisfatta li dak li semma l-attur Patrick Mifsud waqt is-smigħ tat-28 ta' Novembru, 2001, kien juru fedelment dak li seħħ u ma ntwera bl-ebda mod li ma

[4] Xhieda tas-27.6.2001, f'pa[[. 28 sa 30 tal-pro`ess
[5] Dokti "GF2" u "LG1", f'pa[[. 24-6 tal-pro`ess

ngħadetx il-verita' lill-Qorti. Min-naħa l-oħra, minħabba li l-imħarrkin miżżewġin Salerno huma assenti minn Malta, il-Qorti ma sabet l-ebda prova jew raġuni li twassalha biex taħseb li dawn kienu involuti fil-bini tax-xogħlijiet ilmentati jew fit-tneħħija tagħhom;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tastjeni milli tqis it-tliet talbiet attriċi** fil-mertu, u dan billi matul iż-żmien li kienet għaddejja l-kawża l-atturi reġgħu tqegħdu fil-pussess sħiħ ta' ħwejjiġhom; u

**Tikkundanna** lill-imħarrka Connie Diacono tħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża.

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.,**
**21 ta' Novembru, 2002**

**Charles Falzon,**
**Deputat Reġistratur,**
**21 ta' Novembru, 2002**